MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 1210/2003

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Al Dbeis Abdallah**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta’ Gunju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u tlieta u tmenin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm383.54) rapprezentanti servizzi rezi mis-socjeta attrici lill-konvenut in konnessjoni ma’ mobile phones bin-numri 99406222 u 99453280.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-interessi kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz f’din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u tlieta u tmenin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm383.54), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, nkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru prezentata kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------